

Dikjarazzjoni



Dikjarazzjoni 02/2021 dwar abbozz ġdid ta' dispożizzjonijiet tat-tieni protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità (Konvenzjoni ta' Budapest)

Adottata fit-2 ta' Frar 2021

Translations proofread by EDPB Members.
This language version has not yet been proofread.

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data adotta d-dikjarazzjoni li ġejja:

Rimarki preliminari u kuntest tad-dikjarazzjoni tal-EDPB

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) u l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data fl-UE qed isegwu mill-qrib l-iżvilupp tat-tieni protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest u kkontribwew b'mod regolari għall-konsultazzjoni li saret mill-Kunsill tal-Ewropa, bħall-“Octopus Conference” annwali. F'Novembru 2019, l-EDPB ippubblika wkoll l-aħħar kontribut tiegħu għall-konsultazzjoni dwar abbozz tat-tieni protokoll addizzjonali¹, li jindika li baqa' “disponibbli għal aktar kontribuzzjonijiet” u sejjaħ għal “*involvement bikri u aktar proattiv tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data fit-tnejn ta' dawn id-dispożizzjonijiet speċifiċi, sabiex jiġu żgurati fehim u konsiderazzjoni ottimali tas-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data*”².

B'segwitu għall-pubblikazzjoni ta' abbozz ġdid ta' dispożizzjonijiet tat-tieni protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest³, l-EDPB għalhekk, għal darb'oħra, jixtieq jipprovdi kontribut espert u kostruttiv bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-konsiderazzjonijiet tal-protezzjoni tad-data jitqiesu kif xieraq fil-

¹ https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpbcontributionbudapestconvention_en.pdf

² L-EDPB jiddefendi l-pożizzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet espressi f'din il-kontribuzzjoni preċedenti u jqis rilevanti biex jergġu jiġu ddikjarati l-prinċipji ewlenin fid-dawl tal-aħħar żviluppi u l-abbozz ta' dispożizzjonijiet ġodda ppubblikati.

³ <https://www.coe.int/en/web/cybercrime/-/towards-a-protocol-to-the-convention-on-cybercrime-additional-stakeholder-consultations>

proċess ġenerali ta' abbozzar tal-protokoll addizzjonali, meta wieħed iqs li l-laqgħat iddedikati għat-tħejjija tal-protokoll addizzjonali qed isiru f'sessjonijiet magħluqa u li l-involvement dirett tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* fil-proċess ta' abbozzar ma kienx previst fit-Termini ta' Referenza tat-T-CY⁴.

Barra minn hekk, l-EDPB iqs li d-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq x'aktarx jaffettwaw il-kundizzjonijiet sostantivi u proċedurali għall-aċċess għad-*data* personali fl-UE, inkluż bħala riżultat ta' talbiet minn awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, u b'hekk jirreżistu wkoll dibattiti li għaddejjin fil-livell tal-UE u inizjattivi leġiżlattivi relatati li bħalissa qed jiġu kkunsidrati mill-koleġiżlaturi⁵. L-EDPB għalhekk jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Parlament Ewropew, kif ukoll lill-Istati Membri tal-UE u lill-Parlamenti nazzjonali, biex jiżguraw li n-negozjati li għaddejjin jirċievu skrutinju bir-reqqa sabiex tiġi garantita l-konsistenza sħiħa tat-tieni protokoll addizzjonali previst mal-acquis tal-UE, b'mod partikolari fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* personali.

L-aċċess għad-*data* personali fil-ġurisdizzjonijiet kollha diġà ġie indirizzat fil-passat mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE f'diversi pożizzjonijiet u opinjonijiet u l-EDPB jixtieq jerġa' jfakkar b'mod partikolari l-kummenti tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-kwistjoni tal-aċċess dirett mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' pajjiżi terzi għal *data* maħżuna f'ġurisdizzjoni oħra, kif propost fl-abbozz tal-elementi għal protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità⁶, kif ukoll id-dikjarazzjoni tiegħu dwar l-aspetti tal-protezzjoni tad-*data* u tal-privatezza tal-aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika⁷. Il-kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ħareġ l-Opinjoni 03/2019 dwar il-mandat għall-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni fin-negozjati⁸, kif ukoll l-Opinjoni 7/2019 dwar proposti rigward l-Ordinijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali⁹. Dawn il-kontribuzzjonijiet jibnu wkoll fuq l-Opinjoni 23/2018 tal-EDPB dwar il-proposti tal-Kummissjoni dwar l-Ordinijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali¹⁰.

L-EDPB jibqa' kompletament konxju li sitwazzjonijiet fejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi jiġu ffaċċjati b' "sitwazzjoni transfruntiera" fir-rigward tal-aċċess għad-*data* personali bħala parti mill-investigazzjonijiet tagħhom jistgħu jkunu realtà diffiċli u jirrikonoxxi l-oġettiv leġittimu li tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali dwar iċ-ċiberkriminalità u l-aċċess għall-informazzjoni. B'mod parallel, l-EDPB itenni li l-protezzjoni tad-*data* personali u ċ-ċertezza tad-dritt iridu jiġu ggarantiti, u b'hekk jikkontribwixxu għall-oġettiv li jiġu stabbiliti arranġamenti sostenibbli għall-kondiviżjoni ta' *data* personali ma' pajjiżi terzi għal finijiet ta' infurzar tal-liġi, li huma kompatibbli bis-sħiħ mat-Trattati tal-UE u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Barra minn hekk, l-EDPB iqs li huwa essenzjali li t-tħejjija tal-protokoll addizzjonali tiġi inkwadrata fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji ewlenin tal-Kunsill tal-Ewropa, u b'mod partikolari d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.

⁴ Termini ta' Referenza għat-Tħejjija ta' Abbozz tat-2 Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità, Approvati fis-17-il Plenarja tat-T-CY fit-8 ta' Ġunju 2017, T-CY (2017)3.

⁵ B'mod partikolari, iżda mhux esklużivament, id-diskussjonijiet dwar il-proposti tal-Kummissjoni dwar l-Ordinijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali.

⁶ Il-kummenti tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-kwistjoni tal-aċċess dirett mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' pajjiżi terzi għal *data* maħżuna f'ġurisdizzjoni oħra, kif propost fl-abbozz tal-elementi għal protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità, 05/12/2013.

⁷ Dikjarazzjoni tad-WP29 dwar l-aspetti tal-protezzjoni tad-*data* u tal-privatezza tal-aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika, 29 ta' Novembru 2017.

⁸ L-opinjoni 3/2019 tal-KEPD dwar il-parteċipazzjoni fin-negozjati bil-ħsieb tat-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità.

⁹ L-Opinjoni 7/2019 tal-KEPD dwar il-proposti dwar l-Ordinijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali.

¹⁰ Opinjoni 23/2018 tal-EDPB adottata fis-26 ta' Settembru 2018 dwar il-proposti tal-Kummissjoni dwar l-Ordinijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali.

Fir-rigward tal-“aċċess dirett transkonfinali għal *data* maħżuna tal-kompjuter” skont l-Artikolu 32(b) tal-Konvenzjoni ta’ Budapest, l-EDPB jafferma mill-ġdid b’mod partikolari li kontrollur tad-*data* normalment jista’ jiżvela biss *data* wara l-preżentazzjoni minn qabel ta’ awtorizzazzjoni/warrant ġudizzjarju jew kwalunkwe dokument li jiġġustifika l-hteġa ta’ aċċess għad-*data* u li jirreferi għall-bażi legali rilevanti għal dan l-aċċess, ippreżentata minn awtorità nazzjonali tal-infurzar tal-liġi skont il-liġi domestika tagħha li tispeċifika l-iskop li għalih hija meħtieġa d-*data*.

Peress li l-Konvenzjoni ta’ Budapest, kif ukoll kwalunkwe wieħed mill-protokolli addizzjonali tagħha, huma strumenti internazzjonali vinkolanti, l-EDPB jenfasizza li, f’konformità mal-ġurisprudenza tal-QĠUE, l-“obbligi imposti minn ftehim internazzjonali ma jistax ikollhom l-effett li jippreġudikaw il-prinċipji kostituzzjonali tat-Trattat tal-KE, li jinkludu l-prinċipju li l-atti Komunitarji kollha għandhom jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, li r-rispett jikkostitwixxi kundizzjoni tal-legalità tagħhom”¹¹. Għalhekk huwa essenzjali li l-partijiet fin-negozjati tal-UE jiżguraw li d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-protokoll addizzjonali jikkonformaw mal-*acquis* tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà tiegħu mal-liġi primarja u sekondarja tal-UE.

Meta jitqies il-perjodu ta’ żmien tal-proċess ta’ konsultazzjoni, dan il-kontribut tal-EDPB se jiffoka fuq valutazzjoni preliminari tal-abbozz il-ġdid tad-dispożizzjonijiet tat-tieni protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni ta’ Budapest li ma kinux soġġetti għal konsultazzjonijiet preċedenti mal-partijiet ikkonċernati:

- Skwadri ta’ investigazzjoni konġunta u investigazzjonijiet konġunti
- Żvelar imħaffef ta’ *data* maħżuna tal-kompjuter f’emerġenza
- Talba għal informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni tal-isem tad-dominju

Għal darb’oħra, l-EDPB jifhem li d-dispożizzjonijiet iddedikati dwar il-protezzjoni tad-*data* personali għadhom qed jiġu diskussi. L-EDPB jibqa’ disponibbli għal aktar kontributi u jsejjaħ għal involviment bikri u aktar proattiv tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* fit-tħejjija ta’ dawn id-dispożizzjonijiet speċifiċi, sabiex jiġu żgurati fehim u konsiderazzjoni ottimali tas-salvagwardji tal-protezzjoni tad-*data*.

Abbozz proviżorju ta’ dispożizzjonijiet dwar l-iskwadri ta’ investigazzjoni konġunta u l-investigazzjonijiet konġunti (SIK) (l-Artikolu 3), dwar it-talba għal informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni tal-isem tad-dominju (l-Artikolu 6) u dwar l-iżvelar imħaffef ta’ *data* maħżuna tal-kompjuter f’emerġenza (l-Artikolu 7)

Abbażi tal-valutazzjoni preliminari tiegħu, l-EDPB jirrakkomanda li jkompli jeżamina l-abbozz ta’ dispożizzjonijiet provviżorji fir-rigward tal-elementi li ġejjin.

L-EDPB jinnota li kemm it-talbiet għal informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni ta’ ismijiet ta’ dominju kif ukoll għal divulgazzjoni mħaffa ta’ *data* maħżuna tal-kompjuter f’każijiet ta’ emerġenza huma talbiet mhux vinkolanti u raġunijiet għal rifjut minħabba nuqqas ta’ konformità mat-talba mhumiex definiti b’mod ċar, filwaqt li l-possibbiltà li wieħed jiddependi fuq il-liġi tal-Istat Parti rikjest li jirrifjuta tali kooperazzjoni, inklużi r-raġunijiet għar-rifjut stabbiliti fl-MLATs, mhijiex ċara lanqas¹². F’dan ir-rigward, l-EDPB ifakkar li l-kundizzjonijiet li taħthom il-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni elettronika jew l-

¹¹ Ara l-Kawżi Magħquda tal-QĠUE C-402/05 P u C-415/05 P, Kadi vs il-Kunsill, ECLI:EU:C:2008:461 — par (285).

¹² L-abbozz tal-Artikolu 6(2) jirreferi għal “kundizzjonijiet raġonevoli previsti mil-liġi domestika” pereżempju.

entità li tipprovdi servizzi ta' ismijiet ta' dominju jridu jagħtu tali aċċess iridu jiġu pprovduti mil-liġi, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar jiddependi fuq bażi legali ċara.

Barra minn hekk, l-EDPB jirreferi għall-kontribuzzjoni preċedenti tiegħu biex jerġa' jtenni li, ħlief f'każijiet ta' urġenza stabbilita b'mod validu¹³ u, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-QĠUE¹⁴, l-EDPB iqis li t-tip ta' awtoritajiet rikjedi li jistgħu joħroġu talba bħal din għandu jkun limitat għal prosekutur, awtorità ġudizzjarja jew awtorità indipendenti oħra. L-EDPB iqis ukoll li l-involvement sistematiku tal-awtoritajiet ġudizzjarji fil-partijiet rikjesti huwa essenzjali biex tiġi żgurata reviżjoni effettiva tal-konformità tat-talbiet mal-Konvenzjoni u biex tiġi ppreservata l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-kriminalità doppja fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja.

F'dan ir-rigward, l-EDPB ifakkar li l-prinċipju tal-kriminalità doppja għandu l-għan li jipprovdi salvagwardja addizzjonali biex jiġi żgurat li Parti ma tkunx tista' tiddependi fuq l-assistenza ta' oħra biex tapplika sanzjoni kriminali, li ma teżistix fil-liġi ta' din il-Parti l-oħra. Minbarra li tiżgura r-rispett tad-drittijiet tal-individwi u l-proċess dovut fil-mekkaniżmu previst ta' kooperazzjoni ġudizzjarja, tali salvagwardja tipprevedi wkoll garanzija essenzjali relatata mal-kundizzjonijiet proċedurali għall-aċċess għad-*data* personali tagħhom. Kif diġà ssemma fil-kontribut preċedenti tiegħu, fir-rigward tas-sigurtà tal-ipproċessar tad-*data*, l-EDPB jistieden lit-T-CY jikkunsidra, bħala salvagwardja speċifika tal-protezzjoni tad-*data*, mekkaniżmu għan-notifika mingħajr dewmien ta' ksur tad-*data* li jista' jinterferixxi serjament mad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*. Ksur ta' *data* personali jista' tabilħaqq potenzjalment ikollu firxa ta' effetti avversi sinifikanti għall-individwi kkonċernati.

Fir-rigward tal-abbozz proviżorju tad-dispożizzjonijiet dwar it-talba għal informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni tal-ismijiet tad-dominju, l-EDPB jenfasizza li tali informazzjoni tinkludi *data* personali u li għalhekk kwalunkwe strument internazzjonali li jstabbilixxi kundizzjonijiet sostantivi u proċedurali għall-aċċess ta' tali *data* għandu, għall-Partijiet membri tal-Unjoni Ewropea, ikun konformi mal-liġi primarja u sekondarja tal-UE.

Fir-rigward tal-abbozz ta' dispożizzjonijiet provviżorji dwar "żvelar imħaffef ta' *data* maħżuna tal-kompjuter f'emerġenza" (l-Artikolu 7), l-EDPB jinnota li, skont l-applikazzjoni tagħha minn kull parti, din id-dispożizzjoni l-ġdida tista' tinvolvi l-iżvelar dirett ta' *data* ta' kontenut. L-EDPB jinnota wkoll li l-Istat Parti rikjest jista' jeħtieġ, wara d-divulgazzjoni tad-*data*, li tiġi pprovduta talba xierqa għal assistenza reċiproka (l-Artikolu 7(5)). Madankollu, f'dan l-aħħar każ, ma hemm l-ebda impenn mill-Partijiet għall-Protokoll previst, li titfassar id-*data* jew li ma tintużax bħala evidenza jekk, abbażi tal-informazzjoni supplimentari miksuba fit-talba għal assistenza reċiproka xierqa, l-awtoritajiet mitluba jikkonkludu li l-kundizzjonijiet ma ġewx issodisfati biex tiġi żvelata d-*data*. Il-konsegwenzi legali għad-*data* żvelata, ladarba tkun fil-pajjiż rikjedi, jidhru għalhekk li jitħallew kompletament għad-diskrezzjoni tal-liġi nazzjonali ta' dak il-pajjiż. In-nuqqas ta' impenn fil-livell tal-protokoll għalhekk jinvolvi r-riskju li din id-dispożizzjoni titneħħa minn kwalunkwe effett ta' protezzjoni fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali diġà żvelata.

Fl-aħħar nett, l-EDPB jenfasizza r-rekwiżit skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE¹⁵ li skontu kwalunkwe limitazzjoni għall-eżerċizzju tad-drittijiet u l-libertajiet rikonnoxxuti mill-Karta hija soġġetta għall-prinċipju tal-proporzjonalità u tista' ssir biss jekk tkun meħtieġa. Għalhekk, sabiex ikun legali skont il-liġi tal-UE, l-abbozz tad-dispożizzjonijiet tal-protokoll previst irid jissodisfa dan ir-rekwiżit. Imbagħad dan jikkonċerna kemm id-*data* personali li tinsab fit-talba kif ukoll fit-

¹³ L-EDPB jinnota li l-kunċett ta' emerġenza huwa msemmi fit-tifsira tal-paragrafu 1 tal-abbozz tad-dispożizzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka ta' Emerġenza u jqis li l-kamp ta' applikazzjoni ta' tali sitwazzjoni jista' jiġi ċċarat u inkwadrat aktar.

¹⁴ Ara l-Kawżi magħquda tal-QĠUE C-203/15 u C-698/15, Tele2 Sverige AB, ECLI:EU:C:2016:970 – par (120)

¹⁵ Ara wkoll l-Artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

tweġiba għal tali talba. Għalhekk, l-EDPB huwa partikolarment imħasseb bil-formulazzjoni tal-abbozz tal-Artikolu 6(3) c) u tal-abbozz tar-rapport ta' spjegazzjoni, il-paragrafu 13 fir-rigward ta' din id-dispożizzjoni, li jidher li jimplikaw li partijiet minn pajjiżi terzi għall-Protokoll previst jistgħu ma jkunux marbuta li jikkonformaw mal-prinċipju tal-proporzjonalità meta jindirizzaw talbiet lil Stat Membru tal-UE. Barra minn hekk, ma hemmx ċarezza sħiħa dwar il-possibbiltà skont dawn id-dispożizzjonijiet li jiġi invokat il-prinċipju tal-proporzjonalità bħala raġuni għal rifjut.

Lanqas ma huwa ċar jekk il-Partijiet humiex marbutin bl-obbligi li jiżguraw, fil-kuntest tal-protokoll previst, il-kundizzjonijiet u s-salvagwardji stabbiliti fl-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni ta' Budapest¹⁶. L-EDPB jirrakkomanda li jiġi ċċarat li l-obbligi stabbiliti skont l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni ta' Budapest japplikaw bis-sħiħ ukoll fil-kuntest ta' din il-kooperazzjoni transfruntiera.

Dispożizzjonijiet dwar is-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data

L-EDPB iqis essenzjali li t-test proviżorju ppubblikat jiġi kkomplementat minn dispożizzjonijiet iddedikati dwar is-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data, li mbagħad iridu jiġu vvalutati flimkien ma' dispożizzjonijiet oħra, sabiex jiġi żgurat li l-abbozz ta' protokoll addizzjonali jissarraf f'arranġament sostenibbli għall-kondiviżjoni ta' data personali ma' pajjiżi terzi għal finijiet ta' infurzar tal-liġi, kompatibbli bis-sħiħ mat-Trattati tal-UE u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

L-abbozz provviżorju tad-dispożizzjonijiet dwar talba għal informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni ta' ismijiet ta' dominju u l-iżvelar imħaffef ta' data maħżuna tal-kompjuter f'emerġenza, billi jistabbilixxu kundizzjonijiet proċedurali għall-aċċess għal data personali, jistgħu diġà jkollhom impatt fuq il-livell ta' protezzjoni ta' data personali u jistgħu wkoll jeħtieġu li jiġu emendati sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni operattiva ta' salvagwardji xierqa għall-protezzjoni tad-data. **F'dan ir-rigward, l-EDPB jixtieq jerġa' jindika l-ħtieġa li s-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data japplikaw għal kwalunkwe skambju ta' data personali fil-kuntest tal-Protokoll previst¹⁷, inkluż fir-rigward tat-trasferiment ta' data personali¹⁸.**

L-EDPB iqis li dispożizzjonijiet speċifiċi dwar is-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data jridu jirriflettu l-prinċipji ewlenin u b'mod partikolari l-legalità, il-ġustizzja u t-trasparenza, il-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-data, il-preċiżjoni, il-limitazzjoni tal-ħżin, l-integrità u l-kunfidenzjalità. Bl-istess mod, l-EDPB jixtieq jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati drittijiet individwali ewlenin (aċċess, rettifika, tħassir), bi kwalunkwe restrizzjoni limitata mill-prinċipju tal-proporzjonalità, u ta' rimedju ġudizzjarju effettiv għas-suġġetti tad-data għal ksur tas-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data. L-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet jeħtieġ ukoll notifika tas-suġġett tad-data, mill-inqas ladarba din ma tibqax tqiegħed f'riskju l-investigazzjoni. Dawn il-prinċipji, drittijiet u obbligi huma wkoll konformi mal-Konvenzjoni modernizzata tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-Rigward tal-Ipproċessar ta' Data Personali (Konvenzjoni 108+), li għaliha ħafna Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità huma wkoll Parti. F'konformità mal-Konvenzjoni 108+, huma għandhom japplikaw għall-awtoritajiet kollha li jipproċessaw id-data fil-Parti rikjedenti, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-protezzjoni. **L-EDPB jirreferi għall-kontribut tiegħu fil-konsultazzjoni pubblika fl-2019 għal aktar dettalji dwar ir-reqwiziti tal-UE f'dan ir-rigward¹⁹.**

¹⁶ Ara b'mod partikolari, l-Artikolu 6(4) fil-parentesi.

¹⁷ L-Artikolu 6(4) jidher li jillimita l-applikazzjoni tas-salvagwardji kif ukoll tal-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni għall-informazzjoni żvelata biss u mhux għad-data personali inkluża fit-talba.

¹⁸ Skont l-abbozz tar-rapport ta' spjegazzjoni, il-paragrafu 9, l-aħħar dispożizzjoni tista' għandha tapplika biss għat-trasferiment ta' data personali skont it-timijiet ta' investigazzjoni konġunti.

¹⁹ https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpbcontributionbudapestconvention_en.pdf

L-EDPB itenni l-importanza tal-involvement tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* fil-proċess ta' abbozzar tal-protokoll addizzjonali u jinsab lest li jikkontribwixxi u jassisti lit-T-CY fit-tnejn ta' test proviżorju tad-dispożizzjonijiet dwar is-salvagwardji tal-protezzjoni tad-*data*.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)